



Brussell, 26 ta' Frar 2019
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonal:
2017/0354(COD)

6550/1/19
REV 1 ADD 1

CODEC 466
COMPET 151
ECO 31
MI 172
ENT 49
CONSOM 71
GAF 24
AGRI 87
UD 61
CHIMIE 33
COMER 30

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzata legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tixtieq tagħmel id-dikjarazzjoni li ġejja għall-minuti rigward ir-Regolament propost dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Merkanzija:

L-awtoritajiet nazzjonali tal-bini għandhom responsabbiltà speċjali li jiżguraw li r-regolamenti taħt il-liġi pubblika għall-bini (eż. dwar l-istabbiltà jew is-sigurtà min-nirien) jitħarsu fil-kostruzzjoni, l-alterazzjoni, it-tnejħiha, l-użu u l-manutenzjoni ta' strutturi fuq l-art u taħt l-art u ta' infrastruttura tat-trasport. Għalhekk ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tassumi li r-Regolament dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Merkanzija ser ikun mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' din ir-responsabbiltà.